# ŻEWĠ ILĦNA

## *Ta'* Pawlu Aquilina

Mat-tokki tqal tal-qniepen imbikkija
Tinstema' l-għajta tqila ta' l-Erwieħ:
It-tokki mill-kampnari twal, ġgantija;
L-għajta miċ-ċimiteri tal-mistrieħ.

U jidwu l-qniepen, ma' kull bikja u karba
It-talb u n-niket ta' kull qalb, li bkiet
It-telfa tal-missier u l-omm, li darba
Fl-imħabba ta' ġo qalbhom nar trabbiet......

U minn ġo l-oqbra, taħt id-dell sewdieni
Tas-siġar taċ-ċipress u tal-prinjol,
Hierġa tnehida kollha dmugħ ħarkieni,
U mbikki magħha jgħanni r-rużinjol......

Fil-knisja tibki x-xemgħa fuq l-artali;
Fuq l-oqbra, jibku wkoll, hemm il-fanali!